# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Digriet Finali**

**Illum, 28 ta' Jannar 2022**

**Mandat t'Inib. Nru 1417/2021**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni
Numru 1417/2021 fl-ismijiet:

**Sarah Ann Darmenia f'isem bintha minuri Ella Micallef Darmenia**

**Vs**

**Maria Shirley Ann Micallef; Maximillian Micallef, Zachariah Micallef u Jon Micallef**

**Il-Qorti**

Dan huwa digriet finali dwar rikors imressaq mir-rikorrenti nomine tat-23 ta' Settembru 2021 li permezz li permezz tiegħu qed jitlob li l-Qorti iżżomm lill-intimati Maria Shirley Ann Micallef et milli "jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos jew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta', b'mod partikolari nofs indiviz tas-"semi detached villa", b'numru 19, flimkien mal-garaxx anness numru 17, ............" u dan sabiex tikkawtela s-sehem rizervat mil-liġi favur ir-rikorrenti nomine.

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti nomine spjegat illi il-minuri hija l-wild naturali tal-mejjet James Clifford Micallef imwielda minn relazzjoni li l-mejjet kellu mar-rikorrenti filwaqt li l-intimati huma l-armla u t-tlett uliedu fiz-zwieg rispettivament, eredi tal-isemmi James Clifford Micallef.

Ir-rikorrenti nomine tikkontendi illi l-minuri għandha favur tagħha kreditu kontra l-wirt imħolli mid-decujus rapreżentanti s-sehem riżervat filwaqt li r-rikorrenti għandha l-użufrutt fuq l-istess sakemm il-minuri tilħaq l-eta' maġġorenni.

Tgħid ukoll illi "s-sehem riżervat lill-esponenti noe jissupera ferm Euro 11,546.86..."

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu laqgħet provviżorjament it-talba u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-14 ta'Ottubru 2021;

Rat ir-risposta tas-6 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponu għall-ħruġ ta' dan il-mandat.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2022 l-intimati kollha taw ruħhom b'notifikati.

Semgħat fl-istess udjenza t-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in kamera.

Ikkonsidrat;

Preliminarjament l-intimati resqu l-eċċezzjoni illi r-rikors għall-ħruġ tal-mandat mitlub huwa null peress li ma jindikax l-ammont li r-rikorrenti trid tikkawtela bil-mezz tal-mandat mitlub.

Jirriżulta mill-atti illi kontestwalment mar-rikors odjern ir-rikorrenti nomine intavolat ukoll kawża għan-nom tal-minuri sabiex jiġi likwidat is-sehem riżervat mill-wirt tal-missier naturali tagħha. Fil-kawża fl-istess ismijiet li ġġib in-numru 947/21pendenti quddiem

din il-Qorti diversament presjeduta, ir-rikorrenti nomine qed titlob lill-Qorti:

1) Tillikwida l-assi ereditarji ta' James Clifford Micallef,

2) Tillikwida s-sehem rizervat mill-assi ereditarji imsemmija spettanti lill-minuri bint id-decujus.

3) Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti nomine s-sehem rizervat hekk likwidat.

Huwa evidenti illi l-pretensjoni tar-rikorrenti nomine taqa' fil-kategorija ta' kreditu pretiż li għadu mhux kwantifikat in kwantu l-azzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riżervat għadha fl-istadju preliminari tagħha fejn jidher li l-konvenuti, intimati fil-proċeduri odjerni, għadhom mhux notifikati.

L-intimati jsostnu illi una volta l-pretensjoni tar-rikorrenti nomine hija waħda li tikkonsisti f'somma flus allura ma kelliex għażla ħlief li tipproċedi b'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 u mhux b'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ġenerali ai termini tal-Artikolu 873 kif għamlet.

Jissottomettu l-intimati illi r-rikors promotur għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa bi ksur tal-Artikolu 831 tal-Kap 12 applikabbli għall-mandat ta' inibizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 876A tal-Kap 12 li jipprovdi illi fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn,

jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont għandu jkun indikat fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat.

Jsostnu għalhekk l-intimati illi "l-fatt li għadu jrid jiġi likwidat permezz ta' kawża bl-ebda mod ma jfisser illi r-rikorrenti setgħet ma tindikax l-ammont preċiż li qed tippretendi mingħand l-intimati meta talbet il-ħruġ tal-mandat." Jiċċitaw in sostenn ta' tali sottomissjoni żewġ digrieti li ddikjaraw ir-rikors għall-ħruġ ta'madnat ta' inibizzjoni null peress li l-pretensjoni kienet waħda konsistenti f'somma ta' flus u li ma giex indikat fir-rikors relattiv l-ammont pretiż.[1]

Ikkunsidrat;

**Artikolu 874 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:

(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew

[1] Helen Magri vs Dr Alessandro Lia noe (Inib.462/2015/LSO) – 28/04/2015 u Av Anthony Galea noe vs Adrian Agius (Inib 1052/2014/1 JRM) – 31/07/2014.

personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.

Dwar ir-rekwiżiti tar-rikorsi għall-ħruġ tal-mandati kawtelatorji fosthom il-mandati ta' inibizzjoni **Artikolu 831 tal-Kap 12** jipprovdi illi:

(1) It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, taħt il-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:(a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur; u (b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba..........."

Jiġi mill-ewwel osservat illi l-liġi ma tagħmel l-ebda eċċezzjoni fejn l-ammont pretiż dedott f'kawża jkun ammont li għad irid jiġi kwantifikat. Jsegwi għalhekk illi jekk il-liġi ma tipprovdi l-ebda eċċezzjoni fir-rigward, il-Qorti m'għandha l-ebda awtorita' toħloq eċċezzjoni hi għal dak li l-liġi teżiġi taħt piena ta' nullita'.

Jidher li ma hux kontestat illi d-decujus kien jipposjedi nofs indiviż tal-villa mertu tar-rikors odjern, villa li llum tappartjeni nofs indiviż lill-intimata Maria Shirley Ann Micallef u n-nofs indiviż l-ieħor lit-tlett intimati l-oħra, ulied u eredi tad-decujus. Jidher ukoll illi dan huwa l-unika assi ta' konsistenza li d-decujus ħalla. L-intimati ssottomettew li d-decujus ħalla wkoll ħafna dejn, pero' dan ma hux daqstant rilevanti f'dawn il-proċeduri in kwantu tali fatt huwa aktar rilevanti għall-kawża fil-mertu milli għat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Ir-rikorrenti stess ippreżentat f'dawn il-proċeduri kopja tan-nota tal-insinwa bin-numru 13112 tas-sena 2010 relativa għad-dikjarazzjoni 'causa mortis' magħmula mill-intimati kollha quddiem in-Nutar Dr Maria Buckle fejn lura fis-sena 2010 l-intimati ddikjaraw illi in-nofs indiviż tal-villa de quo appartenenti lid-decujus kellha dak iż-żmien valur ta' tlett mija u sittin elf ewro (€360,000).

Una volta r-raġuni tar-rikorrenti nomine kien li tikkawtela l-pretensjoni tagħha fuq l-assi ereditarji mħollija mid-decujus, ma kellha l-ebda impediment li tindika l-ammont minnha pretiż fir-rigward tal-assi ereditarji sa issa lilha magħrufa.

Tajjeb li jiġi sottolineat illi l-mandati kawtelatorji jinħarġu meta l-pretensjoni għad trid tiġi eżamitata mill-Qorti fil-kawża fil-mertu. Huma strumenti li jidħlu fis-seħħ b'effett immedjat u jibqgħu fis-seħħ ħafna drabi għat-tul kollu tal-proċeduri ġudizzjarji. Huwa għalhekk li l-Leġislatur jesiġi li min għandu pretensjoni konsistenti fi kreditu ta' ammont ta' flus jeħtieġ *ad validitatem* illi tali ammont jiġi indikat fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju. Anke għaliex kull min hu milqut minn mandat kawtelatorju ta' dik ix-xorta għandu għad-disposizzjoni tiegħu għodda oħra daqstant ieħor effikaċi li jitlob it-tneħħija ta' tali mandat jekk fost l-oħrajn jiddepożita l-ammont jew garanzija bankarja għal dak l-ammont pretiż fil-mandat kawtelatorju.

Jekk il-Qorti kellha tippermetti li mandat intiż li jikkawtela somma flus jidħol fis-seħħ mingħajr ma jkun indikat l-ammont pretiż, l-intimat jiġi mċaħħad mid-dritt li jintalab il-ħruġ ta' kontro-mandat immedjat bid-depożitu kif imsemmi.

Ma hemm xejn xi jżomm lir-rikorrenti nomine illi jekk fl-eventwalita' li fil-kors tas-smigħ tal-kawża fil-mertu jirriżutaw assi ereditarji oħra tad-decujus sallum mhux magħrufa, li titlob f'dak l-istadju il-ħruġ ta' atti kawtelatorji addizzjonali.

Pero' ma hux konsentit mil-liġi li mandati kawtelatorji dwar pretensjoni konsistenti f'somma flus jiġu maħruġa mingħajr ma jiġi indikat l-ammont bejn wieħed u ieħor pretiż, u dan irrispettivament liema formola tintuża jekk hux formula numru 21 (formola ġenerali użata mir-rikorrenti nomine) jew inkella formula numru 25 (fejn it-talba teċċedi € 11,646.86).
Dan ir-rekwiżit *sine qua non* li jiġi indikat fil-formula l-ammont li r-rikorrent irid jikkawtela ma jiġiex newtralizzat sempliċement billi tintuża formula numru 21 minflok formula 25.

Il-Qorti żżid tafferma illi ma kienet ssib xejn barra minn loku li kieku r-rikorrenti nomine fil-formula numru 21 minnha utilizzata indikat l-ammont li riedet tikkawtela. Pero' kif rajna, in-nuqqas li tindika tali ammont iwassal għan-nullita' tal-att in kwantu huwa rekwiżit mitlub tassattivament mil-liġi taħt piena espressa ta' nullita.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors tat-23 ta' Settembru 2021 billi:

1. Tirrevoka *contratio imperio* d-digriet provviżorju tagħha tat-23 ta' Settembru 2021 in kwantu laqa' provviżorjament ir-rikors tat-23 ta' Settembru 2021;

2. Tiċħad ir-rikors ta' Sarah Ann Darmanin nomine tat-23 ta' Settembru 2021.

Bl-ispejjeż riżervati għas-sentenza finali fil-mertu.

**Mogħti kameralment illum 28 ta' Jannar 2022**

**Onor. Imħallef Robert G. Mangion**